A.L. 302 ta' l-2009

ATT DWAR IL-KONTROLL TAT-TIPJIP TAT-TABAKK (KAP. 315)

Regolamenti ta' l-2009 dwar l-Użu ta' Fotografiji tal-Kulur jew Stampi Oħra bħala Avviżi dwar is-Saħħa fuq Pakketti tat-Tabakk

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 9(f) ta' l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk, il-Ministru tal-Politika Soċjali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2009 dwar l-Użu ta' Fotografiji tal-Kulur jew Stampi Oħra bħala Avviżi dwar is-Saħħa fuq Pakketti tat-Tabakk.

(2) Dwar pakketti tas-sigarretti mqiegħda fis-suq id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ tmintax-il xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Dwar kull prodott tat-tabakk ieħor mqiegħed fis-suq id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ erbgħa u għoxrin xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

Skop.

2. L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu sabiex jimplimenta d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Settembru 2003 (2003/641/KE) dwar l-użu ta' fotografiji tal-kulur jew stampi oħra bħala avviżi dwar is-saħħa fuq pakketti tat-tabakk li tistabbilixxi regoli dwar l-użu ta' fotografiji tal-kulur jew stampi oħra biex juru u jfiehmu xi jġib miegħu t-tipjip għas-saħħa.

Tifsir.

3. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"avviż addizzjonali" tfisser xi wieħed mill-avviżi msemmija fir-regolament 4(3) u fl-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar it-Tqegħid ta' Tikketti fuq Prodotti tat-Tabakk; A.L. 202 ta' l-2004.

"avviż kombinat" tfisser l-avviż li jikkonsisti fil-fotografija jew stampa oħra u l-kitba li tmur magħhom ta' l-avviż addizzjonali li hemm provdut dwaru fir-regolament 4(3) u fl-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar it-Tqegħid ta' Tikketti fuq Prodotti tat-Tabakk, hekk kif hemm f'kull dokument ta' sors;

"dokument ta' sors" tfisser kull fajl elettroniku li jintgħamel disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea u li jiġi provdut mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, li jkun fih avviż kombinat, kif hemm fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju, 2005 dwar il-librerija ta' dokumenti ta' sors magħżulin li fihom fotografiji tal-kulur jew stampi oħra għal kull wieħed mill-avviżi addizzjonali elenkati fl-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar it-Tqegħid ta' Tikketti fuq Prodotti tat-Tabakk kif imsemmi fi Skeda I li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

"pakkett tat-tabakk" tfisser kull għamla ta' pakkett singolu u l-ippakkettjar tiegħu fuq barra użat fil-bejgħ bl-imnut ta' prodotti tat-tabakk, bl-eċċezzjoni ta' kull tgeżwir trasparenti ieħor miżjud.

Użu ta' avviżi kombinati.

4. (1) Il-pakketti tat-tabakk għandu jkollu fuqu avviż kombinat li jkun esklużivament meħud minn Skeda I li tinsab ma' dawn ir-regolamenti kif jirreferu għad-dokument ta' sors, mingħajr ebda tibdil għal xi wieħed mill-komponenti tiegħu.

(2) Fl-avviżi kombinati għandhom jintużaw biss l-istampi li hemm fi Skeda II li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(3) L-avviżi kombinati għandhom:

(a) jiddawwru mill-inqas darba fis-sena sabiex jiġi garantit li l-avviżi addizzjonali kollha jidhru regolarment;

(b) jiġu stampati fuq il-wiċċ l-ieħor tal-pakkett tat-tabakk li jkun jidher l-iktar, filwaqt li jitqiesu l-format u l-qisien tad-dokument ta' sors u s-sħuħija grafika ta' l-istampa u l-kitba;

(ċ) jokkupaw l-ispazju kollu riservat għall-avviż addizzjonali dwar is-saħħa, u jitqegħdu b'mod parallel mat-tarf ta' fuq tal-pakkett, u fl-istess direzzjoni bħall-informazzjoni l-oħra fuq il-pakkett;

(d) jiġu riprodotti hekk kif hemm fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-istampar fi Skeda I li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(e) ikunu mdawrin b'bordura sewda ta' mhux inqas minn 3mm u mhux iżjed minn 4mm wisa' li ma tkun b'ebda mod tinterferixxi ma' xi element ta' kitba jew li jidher fl-avviż kombinat.

(4) L-avviż kombinat għandu jkun ikopri mhux inqas minn 45% ta' l-arja fuq barra tas-superfiċji l-ieħor li jkun jidher l-iktar tal-pakkett tat-tabakk singolu:

Iżda, fil-każ ta' pakketti singoli li jkunu maħsuba għal prodotti li ma jkunux sigarretti, li jkollhom is-superfiċji li jkun jidher l-iktar jeċċedi l-75 ċm^2, l-avviż kombinat għandu jkopri arja ta' mill-inqas 24 ċm^2 tas-superfiċji l-ieħor li jkun jidher l-iktar.

(5) Fil-każ ta' prodotti tat-tabakk li ma jkunux sigarretti, l-avviżi kombinati jistgħu jitwaħħlu bħala stickers, sakemm dawn ma jkunux jistgħu jitneħħew minn posthom. L-avviżi kombinati li jiġu riprodotti fuq stickers bħal dawk għandhom ikunu konformi ma' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-istampar kif jidher fi Skeda I li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(6) M'għandu jsir ebda kumment fuq l-avviżi kombinati, jew issir parafrasi tagħhom jew jiġu msemmija f'xi forma oħra fuq il-pakkett tat-tabakk.

Sħuħija fil-mod kif jidhru l-avviżi kombinati.

5. (1) L-avviżi kombinati għandhom:

(a) jiġu stampati b'mod li ma jitneħħewx, ma jitħassrux u lanqas ma jkunu b'ebda mod moħbija jew mifrudin minn xi materjal ieħor ta' kitba jew stampa jew inkella meta jinfetaħ il-pakkett, hekk li m'għandu jkun hemm ebda stampar ta' avviżi kombinati fuq strixxi tat-taxxa jew wiri ta' prezzijiet fuq pakketti singoli;

(b) jintwerew b'mod li jkun jiżgura li ebda ħaġa mill-kitba jew minn dak li jidher fuq l-avviżi kombinati ma jkun ser jitqatta' meta jinfetaħ il-pakkett.

(2) M'għandha tintuża ebda għamla ta' tgeżwir, borża, ġakketta, kaxxa jew tagħmir ieħor li jkunu, f'parti minnhom jew kollha kemm huma, jaħbu jew jaqtgħu l-avviżi kombinati jew xi element minnhom.

(3) Il-bolli tat-taxxa u l-wiri tal-prezzijiet m'għandhomx jintgħamlu b'mod li jkun, f'parti minnu jew kollu kemm hu, jaħbi jew jaqta' l-avviżi kombinati jew xi element minnhom.

SKEDA I


Malta
CIGARETTES
Brand
It-tipjip joqtol
Smoking kills
It-twissijiet magħquda
Combined warnings
Min ipejjep imut żgħir
Smokers die younger
Persuni li jpejjpju tul ħajjithom kollha jitilfu medja ta' 14-il sena ħajja
Lifetime smokers lose an average of 14 years of life
Min ipejjep imut żgħir
Smokers die younger
Min ipejjep imut żgħir
Smokers die younger


It-tipjip isodd l-arterji u jgib attakki ta'-qalb u puplesiji
Smoking clogs the arteries and causes heart attacks and strokes
The risk of having a stroke is approximately 50% higher in smokers than in non-smokers
It-tipjip jaghmel kanċer fil-pulmun
Smoking causes fatal lung cancer
It-tipjip huwa vizzju, tibdiex tpejjep
Smoking is higly addictive, don't start


Jekk tieqaf tpejjep tnaqqas ir-riskju ta' attakki tal-qalb u mard tal-pulmun
Stopping smoking reduces the risk of fatal heart and lung diseases
Ir-riskju ta' Mard Koronarju tal-Qalb jitnaqqas b'50% wara sena ta' waqfien mit-tipjip
The risk of Coronary Heart Disease is reduced by 50% after 1 year of smoking abstinence
It-tipjip jista' jwassal għal agunija fit-tul u ħafna ugigħ
Smoking can cause a slow and painful death
It-tipjip ikemmixlek il-ġilda
Smoking causes ageing of the skin


It-tipjip jagħmel ħsara lill-isperma u jnaqqas il-fertilità'
Smoking can damage the sperm and decreases fertility
It-tipjip inaqqas iċ-ċirkulazzjoni tad-demm u jista' jwassal għal impotenza·
Smoking may reduce the blood flow and causes impotence
Id-duħħan fih benzene, formaldehyde u hydrogen cyanide
Smoke contains benzene, nitrosamines, formaldehyde and hydrogen cyanide


Jekk tpejjep waqt it-tqala tagħmel ħsara lit-tarbija tiegħek
Smoking when pregnant harms your baby
Ipproteġi t-tfal. Thallihomx jibilgħu d-duħħan tas-sigaretti tiegħek
Protect children: don't make them breathe your smoke
It-tabib jew l-ispiżjar jgħinuk biex tieqaf tpejjep
Your doctor or your pharmacist can help you stop smoking
Sint kapaċi, aħna nistgħu ngħinuk
You can do it, we can help
It-tipjip hu vizzju serju tan-nikotina; tibżax titlob l-għajnuna
Smoking is a serious nicotine addiction, don't be afraid to ask for help


Itlob l-għajnuna biex tieqaf tpejjep
Get help to stop smoking
0803 00 00 00
Kun hieles,
aħna se ngħinuk
0803 00 00 00
Choose freedom,
we'll help you
Specifikazzjonijiet tekniċi għall-istampar
> It-twissijiet magħquda għandhom jiġu riprodotti mingħajr ebda bidla fil-proporzjonijiet jew fil-kuluri tagħhom.
> It-twissijiet magħquda huma maħsuba bħala sbiħa shiħa u m'għandhomx jiġu emendati.
> It-twissijiet magħquda għandhom jiġu stampati four-colour/-CMYK-/ screen 133 linja kull pulzier, bħala ħtieġa minima għall-kuluri.
Technical specifications for printing
> The combined warnings must be reproduced without any changes to their proportions or colours.
> The combined warnings are conceived as a whole image and must not be amended.
> The combined warnings must be printed in four-colour/-CMYK-/ screen 133 lines per inch, as a minimum requirement.

Ir-ritratti, ix-xbihat u l-illustrazzjonijiet testwali li jinsabu f'dan id-CD ġew żviluppati ghall-użu fuq pakketti tal-prodotti tat-tabakk skond:

> id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-ligijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jirrelataw mal-manifattura, preżentazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk (2001/37/KE)

> id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Settembru 2003 dwar l-użu ta' ritratti tal-kulur jew illustrazzjonijiet oħra bħala twissijiet fuq il-pakketti tat-tabakk (2003/641/KE)

> id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 2005 dwar il-librerija ta' dokumenti ta' sors magħżula li fihom ritratti jew illustrazzjonijiet oħra għal kull waħda mit-twissijiet addizzjonali mużżla fl-Anness I tad-Direttiva 2001/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (C(2005) 1452 finali)

Kull użu ieħor huwa soġġett għall-permess mill-Kummissjoni.

The photographs, images and textual illustrations contained on this CD have been developed for use on tobacco product packages in accordance with:

> Directive of the European Parliament and of the Council of 5 June 2001 on the approximation of the laws, regulations and administrative provisions of the Member States concerning the manufacture, presentation and sale of tobacco products (2001/37/EC)

> Commission Decision of 5 September 2003 on the use of colour photographs or other illustrations as health warnings on tobacco packages (2003/641/EC)

> Commission Decision of 26 May 2005 on the library of selected source documents containing colour photographs or other illustrations for each of the additional warnings listed in annex I to Directive 2001/37/EC of the European Parliament and of the Council (C(2005) 1452 final)


All other uses are subject to the permission of the European Commission.

B 3310

SKEDA II









B 3312










Brand
Smoking kills







B 3316



